MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 117/2013/1

**Fl-atti tar-rikors numru 117/2013 wara l-Mandat ta' Sekwestru (Ezekuttiv) Nru. 882/13 fl-ismijiet:**

**CHRISTOPHER u MARY CASSAR**

**vs**

**PLATINUM INTERNATIONAL MALTA LIMITED**

Il-Qorti,

Rat id-digriet moghti fit-18 ta' Gunju 2013 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi u dana is-segwitu ghal rikors maghmul mis-socjeta Platinum International Malta Limited ai termini ta'l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-

*"Il-Qorti:-*

Rat ir-rikors tas-socjeta' Platinum International Malta Limited li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' April 2013 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.*

*Illi s-socjeta' esponenti inhareg kontriha mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, allegatament in esekuzzjoni ta' sentenza li nghatat mit-Tribunal Ghat-Talbiet tal-Konsumatur.*

*Illi bhal fatt ma hemm ebda sentenza jew decizjoni li tolqot lis-socjeta' Platinum International Malta Limited, fil-vesti taghha proprja, izda s-sentenza li hemm hija kontra s-socjeta' Platinum International Malta Limited* **bhala agenti tas-socjeta' estera** *Citycorp Properties Limited.*

*Illi dan jirrizulta minn kopja legali tal-istess sentenza hawn annessa bhala Dok. A li fil-parti decizorja taghha taghmilha cara li s-socjeta' esponenti kienet qed tigi kkundannata fil-vesti rapprezentattiva taghha.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap 13, kif ukoll in linea mal-principji legali bazici, agent ma huwiex personalment responsabbli ghall-atti li jaghmel fil-vesti rappresentattiva tieghu.*

*Illi a bazi tas-sentenza li nghatat (kif inhu wkoll car mir-ratio decidendi) ma seta' qatt jintalab hrug ta' mandat esekuttiv kontra s-socjeta' esponenti proprio, kif fil-fatt inhareg.*

*Illi ghalhekk ai termini tal-artikolu 281 hemm ragunijiet sabiex dan il-mandat ta' sekwestru jigi revokat.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob li l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq imsemmija jigi revokat ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12"*

Rat ir-risposta ta' Christopher u Mary Cassar li giet ipprezentata fit-28 ta' Mejju 2013 fejn eccepew:

*"Illi t-talba tas-socjeta' intimata ghar-revoka tar-rikors fl-ismijiet fuq indikati hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi wara procedura quddiem it-Tribunal ghall-Konsumatur, fil-konfront tas-socjeta' intimata "proprio u bhala agenti tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd", permezz ta' sentenza datata 5 ta' Gunju 2012, l-imsemmi tribunal "laqa' t-talba tar-rikorrenti u ordna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500)" (Dok A anness);*

*Illi tenut kont tal-fatt, illi t-terminu tal-appell stabbilit mill-artikolu 22 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza, skorrew u s-socjeta' intimata ma ntavolat l-ebda appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), l-esponenti ghaddew biex intavolaw il-mandat ta' sekwestru odjern fil-konfront tas-socjeta' intimata;*

*Illi konsegwentement is-socjeta' intimata ghaddiet biex intavolat dan ir-rikors ghar-revoka tal-imsemmi mandat u dana ghaliex allegatament ma hemm ebda sentenza jew decizjoni li tolqot lis-socjeta' Platinum International Malta Limited, fil-vesti taghha proprja, izda li hemm hija sentenza kontra s-socjeta' Platinum International Malta Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Citycorp Properties Limited" (ara rikors tal-24 ta' April 2013);*

*Illi in sostenn tat-tezi taghha, is-socjeta' intimata sahansitra pprezentat kopja legali ta' sentenza ohra, fl-istess ismijiet, datata 28 ta' Gunju 2012 u cioe' sentenza li inbidlet aktar minn ghoxrin gurnata wara li kienet inghatat inizjalment;*

*Illi rinfaccati b'din is-sitwazzjoni, l-esponenti ghamlu kuntatt mat-Tribunal ghall-Konsumatur, fejn sahansitra inghataw, tielet sentenza, ukoll differenti u datata 13 ta' Gunju 2012 (Dok B annessa);*

*Illi ghaldaqstant jidher li kien hemm tliet sentenzi li inghataw in segwitu ghall-avviz bin-numru CCT247/10-F fl-ismijiet Christopher u Mary konjugi Cassar V Platinum International (Malta) Ltd proprio u bhala agenti tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd; dik datata 5 ta' Gunju 2012, dik datata 13 ta' Gunju 2012 u dik datata 28 ta' Gunju 2012, lkoll qed jigu annessi ma' dina r-risposta;*

*Illi sakemm l-eccipjenti intavolaw il-mandat odjern, huma kienu jafu biss bl-ewwel sentenza li nghatat u cioe' dik tal-5 ta' Gunju 2012 u qatt ma gew innotifikati la b'rikorsi ohra u wisq anqas b'sentenzi ohrajn;*

*Illi jekk ghas-sahha tal-argument (ghax sal-gurnata tal-lum l-eccipjenti qatt ma gew infurmati jew innotifikati b'xejn), is-socjeta' intimata intavolat rikors ghall-korrezzjoni tas-sentenza; skont l-Artikolu 825 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dana r-rikors kellu jigi innotifikat lilhom u dan, bi vjolazzjoni tal-istess artikolu, ma sehhx;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk is-socjeta' intimata ddecidiet illi tipprevalixxi ruhha minn dak li jistabilixxi l-artikolu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-subinciz (2) tal-artikolu appena citat jippermetti biss korrezzjonijiet ta' zbalji fil-kliem jew espressjonijiet uzati, izda ma jestendix ghal tibdil fil-motivazzjoni u/jew addirittura fid-decide tas-sentenza moghtija mill-Qrati u t-Tribunali nostrani;*

*Illi f'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Salvino Schembri et vs Joseph Grixti et</u>**", deciza mill-Qorti tal-Appell Civili nhar it-23 ta' Novembru, 1959 (rapportata f'Vol. XLIII, P I pg. 409), dik il-Qorti rriteniet "Illi din il-korrezzjoni… tal-izball materjali nvolontarju jew evidenti tal-pinna jew tad-dicitura f'sentenza. Ammessa bhala principju, ma ghandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jigi mbiddel il-provvediment li jkun gie moghti mill-istess sentenza; l-ghaliex ghall-fatt li jkun gie, tajjeb jew hazin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell u fil-kazi permessi mil-ligi, r-rimedju tar-ritrattazzjoni.";*

*Illi l-eccipjenti jikkontendu illi hija l-ewwel sentenza li nghatat u cioe' dik tal-5 ta' Gunju 2012 li torbot il-partijiet u dan il-ghaliex, apparti dak appena premess, ic-certezza tal-gudizzju u tad-dritt huwa principju baziku tal-ordni pubbliku.*

*Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 50 tal-Kap. 13, citat mis-socjeta' intimata, m'ghandu l-ebda applikabbilita' fil-kaz odjern kwantu si tratta kuntratt bejn kummercjant u konsumatur u mhux kuntratt bejn zewg kummercjanti u/jew negozjanti per se. Fid-dawl tal-principju lex specialis derogat lex generalis l-eccipjenti jikkontendu illi l-applikazzjoni korretta tal-ligi ghandha tkun dik tad-Direttiva 2008/122/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Timeshare and Long-Term Holiday Directive);*

*Illi l-Artikolu 2(1)(b) ta' dik id-direttiva jaghti spjegazzjoni cara tal-kuntratt li ffirmaw il-kontendenti u mertu ta' dawn il-proceduri: "kuntratt dwar prodott ta' vaganza ghal perijodu fit-tul" tfisser kuntratt ta' tul ta' aktar minn sena li bih il-konsumatur jikseb permezz ta' korrispettiv primarjament id-dritt li jikseb skontijiet jew beneficcji ohrajn fir-rigward tal-akkomodazzjoni, separatament jew flimkien ma' servizzi tal-ivvjaggar jew ohrajn. Galadarba l-kuntratt patwit u ffirmat bejn il-kontendenti jaqa' taht din id-Direttiva ifisser illi wiehed ghandu jara kif l-istess Direttiva tiddefinixxi t-terminu 'kummercjant'. Fl-Artikolu 2(1)(e), kummercjant jigi definit bhala 'persuna fizika jew guridika li tagixxi ghal finijiet relatati mal-kummerc, negozju, sengha jew professjoni ta' dik il-persuna <u>jew xi hadd li jagixxi f'isem, jew bhala rapprezentant tal-kummercjant</u>' (enfasi mizjuda). Jinsorgi minn dan kollu appena eccepit illi fil-kaz odjern l-agent huwa wkoll responsabbli lejn il-konsumatur ghal kwalunkwe inadempjenza jew ksur tal-kuntratt. Dan aktar u aktar meta l-istess Direttiva tqis illi "L-Istati Membri ghandhom jizguraw, fl-interessi tal-konsumatur, li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi sabiex tigi zgurata l-konformita' mill-kummercjant ma' din id-Direttiva" (Artikolu 13(1)).*

*Illi filwaqt li l-eccipjenti jirrizervaw favur taghhom id-dritt ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permessi fil-ligi, jikkontendu, ghar-ragunijiet kollha premessi, illi t-talba tas-socjeta' intimata ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 882/13 fl-ismijiet indikati aktar 'l fuq ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata."*

Semghet lil Christopher Cassar jixhed nhar id-29 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa kien ipprezenta kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur kontra s-socjeta' Platinum International Malta Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Citycorp Properties Limited. Qal li din il-kawza kienet proprju kontra s-socjeta' de proprio kif ukoll bhala agenti. Huwa nghata sentenza minn dan it-tribunal fil-5 ta' Gunju 2012. Iddikjara li meta ra li rebah il-kawza ippretenda li jircievi l-flus u huwa ma rceviex flus. Iddikjara li huwa qatt ma rcieva xi rikors fejn intalbet xi korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza. Sussegwentement huwa ghamel mandat biex jipprova jirkupra l-flus li kienu dovuti lilu u gie ffaccjat bil-proceduri odjerni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan nhar id-29 ta' Mejju 2013 u rat li l-partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

1. Illi fis-26 ta' Mejju 2012 l-intimati odjerni ipprezentaw kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-konsumatur kontra is-socjeta' rikorrenti fil-vesti taghha ta' agent tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd ghar-refuzjoni ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) rapprezentanti prezz ta' kuntratt li minhabba diversi nuqqasijiet talbu li jigi kancellat.

2. Illi dan it-Tribunal laqa’ it-talbiet tal-intimati odjerna permezz ta’ sentenza li nghatat nhar il-5 ta’ Gunju 2012 (Dok A fol.15) fejn kienet ‘*ordnat lis-socjeta’ intimata* (u cioe’ dik rikorrenti llum) *sabiex thallas l-ammont ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) b’dana illi l-ispejjez jigu sopportati ugwualment bejn il-partijiet’* u cioe’ ir-rikorrenti u l-intimati odjerni.

3. Illi jidher li s-socjeta’ rikorrentiipprezentat rikors ai termini tal-**artikolu 281 tal-Kap 12** u talbet xi kjarifika fis-sentenza tant li fit-13 ta’ Gunju 2012 dan it-Tribunal biddel il-konkluzjoni tas-sentenza tieghu u cioe’ il-kundanna fis-sens li ex-admisses is-sentenza tipprovdi li “*It-Tribunal qed jilqa’ it-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta’ intimata thallas l-ammont ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) b’dan illi l-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet*” (Dok B fol. 18).

4. Illi in segwitu jidher li s-socjeta’ rikorrenti kienet ipprezentat rikors iehor ukoll ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 fejn talbet kjarifika ohra dwar il-kundanna tat-Tribunal u t-Tribunal fil-fatt biddel il-kundanna tieghu permezz ta’ sentenza datata 28 ta’ Gunju 2012 billi xorta laqgha it-talba tal-intimati ghar-refuzjoni tas-somma ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) pero’ din id-darba ikkundannat lis-socjeta’ rikorrenti fil-vesti taghha ta’ agent tas-socjeta’ estera Citycorp Properties Limited thallas dan l-istess ammont lill-intimati u ghal darb’ohra l-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet (Dok C fol 19).

5. Illi ghalhekk is-sentenza finali fuq il-mertu tal-lanjanza li kien hemm pendenti quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur gew decizi b’mod finali permezz ta’ dik is-sentenza ahharija datata 28 ta’ Gunju 2012 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok C a fol. 19 et seq u ghalhekk tajjeb jew hazin il-mertu llum jinsab ezawrit u deciz skond din is-sentenza ahharija.

6. Jidher li minn din is-sentenza ahharija ma sar l-ebda appell u ghalhekk il-partijiet f’dik is-sentenza kellhom jirregolaw ruhhom skond id-decide ta’ dak l-istess Tribunal.

7. Jirrizulta mill-korp tar-rikors promotur u mir-risposta tal-intimati odjerni li l-intimati odjerni kienu pprezentaw Mandat ta’ Sekwestru numru 882/13 nhar l-10 ta’ April 2013 fl-ismijiet ‘**<u>Christopher u Mary Grace Cassar vs Platinum International Malta Limited’</u>** bil-ghan li jigbru id-

debitu taghhom u cioe' is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li giet likwidata permezz tas-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur.

8. Illi s-socjeta' intimata f'dak il-mandat u cioe' ir-rikorrenti odjernipprezentat rikors quddiem din il-Qorti nhar l-24 ta' April 2013 ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kap 12 fejn talbet li l-mandat ta' sekwestru jigi revokat u dan ghaliex il-mandat hareg kontra is-socjeta' de proprio u mhux fil-vesti taghha bhala agent tas-socjeta' estera Citycorp Properties Limited.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni u ghalhekk il-lanzjanza bejn il-partijiet hija wahda *stricto iuris*.

L-intimati fir-risposta taghhom jghidu li huma qatt ma kienu jafu bit-tibdiliet li kien hemm fis-sentenza tat-Tribunal u dan ghaliex ir-rikorsi li setghu gew intavolati ai termini tal-Artikolu 281 ta-Kap 12 qatt ma gew notifikati lilhom u in oltre isostnu li l-korrezzjoni kif mitluba fir-rikors ma setghet qatt tigi milqugha u dan ghaliex l-Artikolu 281 tal-Kap 12 jippermetti biss korrezzjonijiet ta' zbalji fil-kliem jew espressjonijiet uzati izda ma jestendix ghal tibdil fil-motivazzjoni u/jew adirittura fid-decide tas-sentenza. Ghalhekk isostnu li hija l-ewwel sentenza u cioe' dik tal-5 ta' Gunju 2012 li torbot lill-partijiet.

L-intimati jhossu li l-**Artikolu 50 tal-Kapitolu 13** citat mir-rikorrenti m'ghandu l-ebda applikabilita' fil-kaz odjern kwantu si tratta ta' kuntratt bejn kummercjant u konsumatur u mhux kuntratt bejn zewg kummercjanti u/jew negozjant per se. U jghidu li a bazi tal-principju *lex derogat lex generalis* jikkontendu li l-applikazzjoni korretta tal-ligi ghandha tkun dik tad-Direttiva 2008/122/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Timeshare and Long-Term Holiday Directive).

Jinghad li l-**Artikolu 50 tal-Kapitolu 13** jipprovdi is-segwenti:

**50.** **"***L-atti kollha magħmulin mir-rappreżentant għall-prinċipal, fil-limiti tas-setgħat tiegħu, iġibu direttament l-effett tagħhom favur jew kontra l-prinċipal"*

Jinghad li dan l-artikolu jinsab f'dik il-parti tal-Kodici Kummerc intitolat "Titolu IV – Fuq il persuni awziljari tal-kummercjanti  u appuntu s-sub-titolu I jitkellem fuq ir-rapprezentanza in generali.  Illi ghalhekk dan l-artikolu jaffettwa ir-relazzjoni tas-socjeta' rikorrenti Platinum International Malta Limited mas-socjeta' estera Citycorp Properties Limited.  Ma taghmel l-ebda referenza ghall-intimati.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc nhar is-16 ta' Mejju 1957 fl-ismijiet '**Carmelo Barbara vs George Parnis England Et Noe'** fejn gie ritenut li:

*"Jekk il-kumpratur lokali jkun xtara minn ghand ditta estera per mezz tal-agenti taghha hawn Malta, huwa ghandu jagixxxi kontra d-ditta estera, fil-kaz li jirreklama xi danni minhabba inadempjenza tad-ditta estera. U jekk jagixxi kontra ditta lokali li hija l-agent tad-ditta estera huwa ghandu jagixxi kontra d-ditta lokali mhux personalment (sottolinejat minn din il-Qorti), imma bhala agent tad-ditta ta' barra. Billi d-ditta lokali tassumi personalment li tirmedja ghall-inadempjenza tad-ditta estera dan ma jgibx illi l-azzjoni ghad-danni ghandha tigi diretta kontra d-ditta lokali. Billi l-agent, ghal ragunijiet tieghu, jipprometti u jassumi personalment lejn il-kumpratur li jaghmel tajjeb ghall-inadempjenza tal-principal tieghu, b'daqshekk ma jassumix il-libsa tal-venditur, u ma jirrendix ruhu responsabbli ghall-konsegwenzi u danni kollha li jirrizultaw mill-inadempjenza tad-ditta estera, imma biss ghal dawk il-konsegwenzi u danni li dwarhom huwa jkun assuma r-responsabilita'. Lanqa tista' azzjoni simili, bazata fuq l-indempjenza tad-ditta estera u diretta ghad-danni konsegwenzjali kontra l-agent lokali personalment, tigi sostnuta bil-kriterja tal-ekwipollenza; ghax l-ekwipollenza tezisti biss meta si tratta ta' l-istess haga li tinghad bi kliem differenti, mentri l-inadempjenza tad-ditta estera hija haga, u haga ohra hija l-assunzjoni tal-agent li jaghmel tajjeb ghall-inadempjenza tal-principal tieghu. Biex it-talba setghet tigi rivolta kontra l-agent personalment, kien hemm bzonn li bhala kawzali tigi ndikata l-obligazzjoni assunta minnu personalment, u illi t-talba tigi formulata skond l-oggett ta' dik l-obligazzjoni."*

Jinghad ukoll b'referenza ghar-responsabilita' ta' agent dak li gie ritenut f'sentenza aktar ricenti fl-ismijiet '**Anthony Chircop et noe vs John Zammit noe'** deciza fil-14 ta Novembru 2002 meta inghad li:

"*Ghalhekk, agent lokali li jkun ha hsieb u ppresta s-servizzi tieghu biex sehh negozju hawn Malta, jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi kollha naxxenti minn dak in-negozju, indipendentement minnu jibqax jew le agent wara t-terminazzjoni ta' dak in-negozju*"

Kien proprju ghalhekk li l-intimati kienu ddecidew inizjalment li jharrku lis-socjeta' rikorrenti fil-vesti taghha ta' agent tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd ghaliex l-intimati dehrilhom li kienet responsabbli fil-vesti taghha bhala agenti u mhux personalment. Illi ghalhekk isegwi li una volta is-sentenza li nghatat u li illum hija *res judicata* (u cioe' dik ahharija tat-28 ta' Gunju 2012) inghatat kontra s-socjeta' rikorrenti fil-vesti taghha bhala agent tas-socjeta' estera u mhux personalment u ghalhekk il-mandat ta' sekwestru numru 882/2013 li nhareg fuq domanda tal-intimati messu gie pprezentat kontra s-socjeta' rikorrenti f'din il-vesti ta' agent.

Huwa sintomatiku mill-interpretazzjoni tal-kliem rilevanti mil-ligi moghtija illi bejn is-socjeta' rikorrenti qua principal qua agent, u s-socjeta' estera, inholoq rapport kontrattwali dirett li fih is-socjeta' rikorrenti , una volta li accettat l-istruzzjonijiet lilha moghtija, ghandha imbaghad tassikura l-ezekuzzjoni taghhom a beneficcju tas-socjeta' estera, kontra pagament minn din l-ahhar socjeta'. Huwa proprju in virtu' ta' tali kuntratt illi tigi krejata, regolata jew mahlula l-obbligazzjoni (**Art. 960 tal-Kodici Civili**). Il-konsegwenza tan-nuqqas ta' ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jirrendi lil dak li jkun hekk intrabat passibbli ghad-danni (**Art. 1125 tal-Kodici Civili**).

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma thossx li huwa kompitu taghha f'dan l-istadju sabiex tara kif kien regolat il-kuntratt bejn il-partijiet u cioe' jekk kienx regolat bid-Direttiva 2008/122/EC tal-Parlament Ewropew u dan ghaliex quddiemha m'ghandhiex il-kwistjoni tal-mertu dwar it-talba originali kif kontenuta fir-rikors li gie pprezentat quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur. Ghandha biss talba semplici tar-rikorrenti ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontra taghha personalment.

Illi in vista ta' dak li nghad aktar 'il fuq, din il-Qorti thoss li l-mandat ta' sekwestru messu hareg kontra s-socjeta' rikorrenti bhala agent tas-socjeta' estera Citycorp Properties Ltd u **ghalhekk qieghda tordna li tali Mandat ta' Sekwestru Numru 882/2013 fl-ismijiet '<u>Christopher u Mary Cassar vs Platinum International Malta Limited</u>' m'ghandux ikollu effett u konsegwentement revokat.**

**Stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti tordna li l-kawza tibqa' bla taxxa."**

Illi bl-appell minnhom introdott fil-konfront ta' dan id-digriet l-appellanti Christopher u Mary Cassar ressqu dawn l-aggravji:-

1. Illi l-Ewwel Qorti avvicinat il-kwistjoni li kellha quddiemha minn vizjoni ghal kollox errata u minn attitudni kompletament zbaljata ta' dak li gie sottomess u deliberat quddiemha, u l-iktar tal-kuncetti legali li jghoddu ghall-kaz. Titlaq erronjament mill-premessa illi r-rikorsi li saru mis-socjeta intimata u dana ghal korrezzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal gew intavolati ai termini ta'l-artikolu 281 tal-Kapitolu12.

2. Illi l-korrezzjoni tas-sentenza tal-05 ta' Gunju 2013 moghtija mit-Tribunal u dana permezz ta' zewg varjazzjonijiet wahda tat-13 ta' Gunju u ohra tat-28 ta' Gunju, kienet anti-guridika. Dana mhux biss ghaliex l-appellanti qatt ma gew innotifikati bit-talbiet ghal korrezzjoni ta'l-istess izda ghaliex tali korrezzjonijiet qatt ma setghu isiru skond il-ligi u dana taht il-kappa ta'l-artikolu 825 tal-Kapitolu 12.

3. Illi s-socjeta appellata lanqas setghet titlob il-varjazzjoni tad-decizjoni mit-Tribunal abbazi ta'l-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 u dana ghaliex talba *ab omissa decisione* setghet tintalab biss mir-rikorrenti jew mill-attur u dana fl-eventwalita' illi il-Qorti ma tkunx ippronunzjat ruhha dwar xi talba.

4. Kienet zbaljata allura l-Ewwel Qorti meta iddecidiet illi is-sentenza tat-28 ta’ Gunju 2013 kienet dik finali meta kien diga skorra it-terminu fatali ghal proposizzjoni tal-appell mis-sentenza tal-05 ta’ Gunju 2013.

5. Illi l-Ewwel Qorti addotat id-dispost ta’l-artikolu 50 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta izda skartat id-direttiva 2008/122/EC tal-Unjoni Ewropeja. Dana meta huwa risaput illi l-ligi domestika ghal dik li hi regolamentazzjoni tad-drittijiet ma ghadhiex il-fonti primarja li lejha l-gudikant ghandu jirrikorri ghar-risoluzzjoni ta’ certi kwistjonijiet.

6. Ghalhekk gjaldarba id-Direttiva (Time-share and Long-Term Holiday Directive) tinkludi fid-definizzjoni ta’ “kummercjant” anke dawk li jagixxu f’isem, jew bhala rapprezentant tal-kummercjant, s-sentenza tat-Tribunal tal-5 ta’ Gunju 2012 kienet sewwa impustata fil-parti decizorja taghha u ma kellhiex tigi modifikata u kwindi l-mandat mertu tal-proceduri ma kellux jigi revokat.

Illi l-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghti il-jedd lil persuna li kontriha ikun inhareg l-att ezekuttiv jew, wara l-emendi introdotti bl-Att XIV tal-2006, lil kwalunkwe persuna ohra interessata li permezz ta’ rikors jitlob li l-att ezekuttiv jithassar u dana ghal xi raguni valida skont il-ligi. Illi l-iskop tal-legislatur wara l-promulgazzjoni ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi gew imfissra superjorment mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Edward Pace v. Michael Sultana et, Rik. Nru. 287/05** pronuncjat fil-5 ta’ Mejju 2005. Id-decizjoni titkellem dwar l-iskop ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap.12, illum enumerat mill-gdid bhala l-artikolu 281 meta tghid:

***"il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' <u>xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju</u>. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra … l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li <u>mandat jista' biss  jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma</u>. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji."***

Dan ifisser illi l-iskop ahhari ta'l-artikolu 281, li baqa' l-istess bhal dak ta'l-artikolu 283A, huwa li tigi imharsa il-forma li fih isir il-mandat u li l-istess jinhareg minn dik il-Qorti kompetenti. Huwa ghal dan il-mottiv illi din il-Qorti mal-ewwel tafferma illi kien fid-dmir tar-rikorrenti appellat illi jara illi l-atti tal-mandat li tieghu qieghed jitlob ir-revoka jigu ezebiti in atti u dana peress huwa essenzjali ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza illi jingieb a konjizzjoni tal-Qorti l-mankanza formali allegata fil-mandat. Dana ghaliex jidher illi it-talba ghar-revoka hija imsejsa fuq l-allegat invalidita' tat-titolu ezekuttiv li abbazi tieghu inhareg il-mandat u li ghalhekk, abbazi ta'l-istess, l-mandat inhareg kontra persuna guridika zbaljata. Fil-fatt ghalkemm tul it-trattazzjoni tal-kaz saru diversi allegazzjonijiet mir-rikorrenti ghar-rigward ta' varjazzjonijiet u

korrezzjonijiet fid-decizjoni moghtija mit-Tribunal tal-05 ta’ Gunju 2013, d-dokumenti li abbazi taghhom saru dawn il-varjazzjonijiet sabiex b’hekk il-Qorti tkun tista’ tivverifika liema minnhom fil-verita ghaddiet in gudikat qatt ma gew esibiti ghas-skrutinju tal-Qorti. Hekk per ezempju, l-Qorti issib fl-atti kopja ta’ tlett sentenzi ghall-istess kawza li tnejn minnhom u cioe’ dawk tal-05 ta’ Gunju 2013 u tat-13 ta’ Gunju 2013 huma identici, filwaqt li dik tat-28 ta’ Gunju 2013 hija differenti u hija dik fejn is-socjeta Platinum International Malta Limited giet ikkundannata biss fil-vesti rapprezentattivi taghha u mhux f’isimha proprju a kuntrarju taz-zewg sentenzi l-ohra fejn din il-kwalifika ma saritx. Allegatament saru xi rikorsi wara li inghatat id-decizjoni tal-05 ta’ Gunju 2013 fejn intallbet dina l-kjarifika u allegatament ukoll dawn saru ai termini ta’l-artikolu 235 tal-Kapitolu12. Dawn ir-rikorsi u d-digrieti sussegwenti qatt ma gew esibiti in atti, kif kien fid-dmir li jaghmel ir-rikorrenti appellat li talab ir-revoka tal-mandat ezekuttiv mahrug fil-konfront tieghu. Illi din il-Qorti tista’ tieqaf hawn ghaliex fil-fehma taghha s-socjeta appellata naqset milli tipprova kif trid il-ligi l-opposizzjoni taghha ghal mandat ezekuttiv mahrug fil-konfront taghha. Illi fil-fatt l-artikolu 281 innifsu jimponi obbligu fuq id-debitur ezekutat illi flimkien mar-rikors ghandu jipprezenta id-dokumenti kollha illi isostnu l-istess rikors. Dana ma sarx u allura l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tinvestiga il-lanjanza abbazi ta’ allegazzjonijiet biss maghmula miz-zewg kontendenti. Illi li kieku ma kienx ghall-appellanti intimat illi ezebew it-tlett sentenzi, kif varjati, fir-risposta taghhom ghar-rikors ipprezentat, il-Qorti kienet tibqa injara mir-retroxxena li wassal ghal dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti ghaldaqstant hija tal-fehma illi r-rikorrenti appellanti ma irnexxielhomx jippruvaw dak allegat minnhom billi lanqas jirrizulta mill-atti effettivament kif inhareg il-mandat, l-ismijiet tal-partijiet u it-titolu ezekuttiv li abbazi tieghu inhareg l-istess, u dan meta d-debitur ezekutat qieghed jitlob ir-revoka minhabba li l-mandat jiddifetta fil-forma essenzjali tieghu ghaliex

allegatament inhareg kontra il-persuna zbaljata u abbazi ta' titolu ezekuttiv zbaljat. Il-Qorti ma tistax f'proceduri bhal dawn tistrieh biss fuq dak allegat mill-kontendenti minghajr ma ikollha ghad-disposizzjoni taghha l-atti u id-dokumenti kollha li jikkostitwixxu il-vertenza. Illi l-appellanti ghalhekk ghandhom ragun jilmentaw illi l-Ewwel Qorti erronjament wasslet ghal konkluzjoni illi is-sentenza li ikkostitwiet il-gudikat bejn il-partijiet kienet dik tat-28 ta' Gunju 2013 billi provi fl-atti li jindikaw dan ma hemmx.

Illi l-appellanti fl-aggravvji minnhom imressqa isostnu illi t-Tribunal ma setax b'applikazzjoni ta'l-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 jordna il-varjazzjoni tas-sentenza billi dana ma kienx kaz ta' nuqqas ta' decizjoni dwar xi talba u li inoltre lanqas ma gew osservati id-dettami tal-ligi meta sar dan billi hemm stipulat illi il-kontro-parti kellha tigi notifikata b'dina it-talba u di piu l-istess talba trid tigi appuntata ghas-smigh. Sfortunatament din il-Qorti tinsab fl-impossibilita li tinvestiga din il-lanjanza billi dawn l-atti ma jinstabux quddiemha. Per ezempju il-Qorti ma ratx *ictu oculi* ir-rikors li sar ghal varjazzjoni u abbazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi dan gie milqugh mit-Tribunal. Fuq kollox it-Tribunal seta' laqa' din it-talba abbazi ta' disposizzjoni ta' ligi ohra bhall-artikolu 825 tal-Kapitolu 12. Premess dan il-Qorti ma tistax ma tosservax b'soghba illi meta it-Tribunal iddecieda jaghmel varjazzjoni tal-parti decizorja tas-sentenza billi ikkundanna socjeta wahda u illibera lill-ohra dan ghamlu b'nuqqas ta' osservanza tal-principju tal-*audi alteram partem* u tal-jedd ghal smiegh xieraq meta ma tax widen ghal dak li kellha xi tghid in-naha l-ohra u dana kif diga inghad bi ksur lampanti ta' dak dispost fiz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati li jiddisponi l-obbligu li issir in-notifika lill-kontro-parti. Dan wassal ghal konfuzjoni shiha legali u ghal ingustizzja gravi ghad-detriment ta'l-appellanti li ghandhom gudikat favur taghhom li ma jistghux jenforzaw billi hemm zewg sentenzi konfliggenti. Illi sfortunatament ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tindirizza il-lanjanza

ta’l-appellanti u cioe’ dwar liema min dawn iz-zewg sentenzi ghaddiet in gudikat billi l-vertenza rimessa ghal gudizzju ta’ din il-Qorti tirrigwarda l-validita’ tal-mandat ezekuttiv abbazi ta’ dak dispost fl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12.

Illi l-appellanti iressqu ilment iehor u cioe’ dwar ir-responsabbilta tas-socjeta appellata fil-vesti taghha bhala agent tas-socjeta estera illi tonora l-obbligi assunti minnha ghan-nom tal-mandanti taghha. Isostnu illi erronjament l-Ewwel Qorti applikat dak dispost fl-artikolu 50 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux id-direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2008/122/EC fejn l-agent kellu xort wahda jitqies responsabbli ghal pagament. Illi kif diga inghad il-Qorti fi procedura ghar-revoka ta’ mandat ezekuttiv ma hijiex imsejjha sabiex tinvestiga il-mertu tal-kaz izda biss sabiex tara jekk l-att ezekuttiv jisppekkax fil-forma tieghu. Kwindi l-Ewwel Qorti, kif ukoll din il-Qorti, kienet prekluza milli tindaga dina l-materja li hija marbuta mal-mertu innifsu u li bis-sahha taghha inhareg l-istess att ezekuttiv.

Maghdud dan, madanakollu, huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha, kif inghad mill-appellanti “fl-ghama” u ghalhekk minghajr ma setghet tixtarr jekk it-talba maghmula mid-debitur ezekutat kenitx wahda fondata o meno. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi l-appell imressaq mill-appellanti jisthoqq akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tirrevoka id-digriet moghti mill-Ewwel Qorti tat-18 ta’ Gunju 2013, tghaddi ghalhekk biex tichad it-talba tas-socjeta appellata kif kontenut fir-rikors taghha tal-24 ta’ April 2013 billi l-istess talba ma gietx sufficjentement ippruvata skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------